



# Inkomplu b'aktar tagħrif mill-Arkivju Parrokkjali (8)



Anthony Mifsud

Fl-artiklu tas-sena l-oħra għidt li kont sejjer nikteb dwar iż-żmien meta pajjiżna għadda minn taħt tliet ħakkiema wara xulxin, jiġifieri minn tmiem il-ħakma tal-Kavallieri, għaż-żmien qasir taħt il-ħakma Franċiża, għall-perjodu pjuttost twil taħt il-ħakkiema Ingliżi. Għalhekk f'dan l-artiklu se nkompli b'tagħrif minn dan l-aħħar żmien li minnu għaddiet Malta.

Peress li t-tagħrif li se ngħaddilkom huwa pjuttost twil, ħsibt li naqsmu fuq sentejn: parti minnu se tidher din is-sena filwaqt li l-parti l-oħra se tiġi ppubblikata fil-magazin tas-sena d-dieħla. It-tagħrif li qed nagħtikom huwa mislut mill-ħames volum tar-Reġistrazzjonijiet tal-Imwiet (Numru 157 fl-Arkivji) li jibda mit-3.1.1801 u jispiċċa bl-aħħar mewt fil-31.12.1832 u li jgħodd b'kollox 2580 mewt fuq medda ta' 32 sena. F'dan il-volum ma nsibu reġistrata l-ebda mewt li ġrat f'xi raħal li kien jagħmel parti mis-Siġġiewi (eż. Hal Xluq - Casal Xiluc) u dan aktarx minħabba li dawn ma baqgħux meqjusa bħala rħula separati.

Dawn l-imwiet huma reġistrati fuq 337 paġna, bl-akbar ammont ta' mwiet reġistrati f'sena waħda jkun dak fl-1801 b'121 mewt, u bl-anqas numru - 47 - fl-1804. Minn paġna 338 sa 347 li hi l-aħħar paġna, insibu miktuba ħdax-il dispositione li, kif fissirt f'kitba ta' qabel, huma testmenti li jirreġistra l-kappillan fuq xewqa tal-moribondi. Minbarra dawn il-ħdax, insibu ħafna oħra miktuba tul il-volum kollu b'ħafna tagħrif interessanti.

Il-kitba fil-paġni ta' dan il-volum tvarja minn tajba ħafna (bħal dik tal-Kappillan Salvatore Corso) għal oħra li tkompi tgħarraqli għajnejja. Tal-anqas f'dawn il-paġni ma hemmx toqob ta' susa jew magħmula minn linka li tiekol il-paġni u minħabba f'hekk tintilef xi informazzjoni siewja.

F'dan il-volum niltaqgħu wkoll ma' diversi ġrajjiet ta' interess anke għall-istorja ta' pajjiżna bl-aktar waħda kiefra u kerha tkun dik tal-pesta tal-1813 li misset ukoll lir-raħal tagħna s-Siġġiewi. Li hu żgur hu li issa mhux se nsibu aktar Siġġiwin li mietu fuq ix-xwieni, iżda oħrajn li mietu għar-Re Brittaniku fir-riġmenti Ingliżi, jew waqt gwerer, jew waqt qadi fis-servizz tagħhom.

## Imwiet ta' trabi

Mhux se nikteb ħafna dwar l-ammont kbir ta' mwiet ta' trabi li bħas-soltu kienu jmutu mat-twelid u jiġu mgħammda mill-majjistra, fosthom ħafna korrimenti (foetus abortivi, natus abortivus), magħmudijiet fil-ġuf (in ventris matre), jew trabi b'ġenituri mhux magħrufa. Se nsemmi każi partikulari li għandhom xi ftit aktar dettalji. Nibda bl-ewwel każ li huwa ta' Nikola u Grazzja Balzan li fl-14.7.1805 kienu qed jistennew it-twelid ta' tarbija li, waqt il-ħlas, il-majjistra kellha tgħammidha fuq rasha meta kienet għadha lanqas ħarġet minn ġuf ommha (non dum ex utero materno egressus obit in capiti baptizatus). Franġisku u Maria Borg fl-14.9.1809 kellhom fetu abortit ta' seba' xhur imwieled mejjet u midfun fl-urna ta' dawk mhux mgħammda (mortus natus et in urna non baptizatorum sepultum). Lil Gaspare u Maria Balzan, fis-27.10.1809, twelditilhom tarbija li l-majjistra għammdet taħt kundizzjoni minħabba sinjali dubjużi ta' ħajja (ab vitalia signa dubia). Fis-16.4.1826 insibu reġistrata l-mewt ta' Annunciata, mart Leonardu Bonello, fl-età ta' 40 sena. Eżatt

(ikompli f'paġna 40)






*(jaqbad minn paġna 39)*

wara din ir-reġistrazzjoni nsibu nota dwar il-povra tarbija. It-tabib Gejtanu Laferla (Domini Artis et Medicinae Doctoris), li jiġi missier Dun Pawl Laferla li baqa' magħruf għat-twaqqif tas-salib f'Tal-Għolja, kellu jagħmel inċiżjoni (qtugħ) f'żaqq l-omm diġà mejta minħabba li ħaseb li t-tarbija kienet għadha ħajja fl-utru; iżda kien kollu ta' xejn għax sab li t-tarbija kienet mejta.

## Imwiet barra s-Siġġiewi jew nies minn irħula oħra li mietu fis-Siġġiewi

F'dan il-volum, mhux anqas minn ta' qabel, insibu diversi nies li mietu fis-Siġġiewi u ma kinux minn hawn, kif ukoll Siġġiwin li mietu bnadi oħra, mingħajr ma nsemmi l-ħafna li mietu fl-isptarijiet (l-aktar tal-Belt) u ndifnu jew fiċ-ċimiterju tal-istess sptar, fil-Knisja ta' San Pawl, u f'ta' San Publiju, biex ma nsemmux ukoll dawk tar-Rabat. Minn dawn l-imwiet, nibda biex insemmi dik ta' Domina Magdalena Azzopardi, bint il-mejjet Dominus Antonius u Anna, li ta' 70 sena mietet fil-11.3.1811 f'dar ħuha fil-Belt Valletta u wara ġiet midfuna s-Siġġiewi bil-pompa xierqa kollha (cadaver translatum est ... et decenti pompa humatum est). Każ ieħor simili kien ta' Ġużeppi Attard, bin il-mejjet Andrea, li ta' 70 sena wkoll, fid-9.1.1816 miet f'dar ibnu fejn, minħabba saħħtu, kien mar jgħix ġewwa l-Belt Valletta (in domo filiorum suae ultima infirmitatae ductus est in Civ. Valletta). It-Tabib Salvatore Azzopardi, bin il-mejjet Mikelanġ, mill-parroċċa tal-Isla, miet fl-età ta' 53 sena fl-4.5.1832 iżda ġie midfun fil-qabar tal-familja numru 34 fil-parroċċa tas-Siġġiewi. Missier Salvatore, it-Tabib Mikelanġ Azzopardi, bin il-mejjet Pawlu, ta' 73 sena, li kien miet fis-27.5.1821, kien ukoll Locumtenens Deputatis (Deputat Logotenent, nassumi fuq is-Siġġiewi) u kien indifen ukoll fl-istess qabar tal-familja numru 34.

Bi ftit differenza nsemmi tliet każi oħra ta' nies li mhux f'raħal jew belt oħra mietu, iżda barra pajjiżna. Nibda bl-informazzjoni li qal li rċieva l-Kappillan (relatione abita) lejn l-aħħar tas-sena 1820 dwar Liberatu Attard li kien mar jgħix fir-Renju ta' Sqallija fejn kien miet xi xhur qabel fil-belt ta' Bacchino (Oppidium Bacchino), illum Pachino. Iż-żewġ każi l-oħra jeħduna Tuneż. Nafu kemm Maltin marru jaqilgħu l-għajxien tagħhom fil-pajjiżi ġirien tagħna fl-Afrika ta' Fuq u, meta dawn il-pajjiżi kisbu l-indipendenza tagħhom mingħand il-Franċiżi, dawn il-Maltin marru jgħixu fi Franza u xi wħud għadhom sal-lum jiktbulna fl-uffiċċju parrokkjali jsaqsu għal riċerka dwar l-antenati tagħhom li kienu minn raħalna. L-ewwel każ li ltqajt miegħu seħħ fl-20.6.1827 meta nsibu li Nikola Dimech, bin Ġużeppi, miet f'dan il-pajjiż. L-istess ġara lil Filippu Farrugia, bin il-mejjet Ġanbattista u Grazzja Gatt, li - bejn id-dati tas-17 u d-19 ta' Settembru 1832 - insibu miktuba nota li tirreġistra l-mewt tiegħu fl-età ta' 22 sena (juvenis 22) u li tgħid li għal bejn erba' u disa' snin (quator ab hine annis) kien jgħix fil-belt ta' Tuneż fejn ukoll indifen, skont ittra li kien irċieva l-Kappillan (ex epistola habui).

## Imwiet waqt qadi fis-Servizzi Ingliżi

Kien hemm Siġġiwin oħra li mietu barra l-pajjiż u din id-darba se nikteb dwar suldati li mietu bħala msieħba tas-Servizzi Militari Ingliżi għax, kif nafu, mill-1800 Malta ġiet taħt it-tmexxija (mhux uffiċjali) tal-Ingilterra.

L-ewwel każ li niltaqgħu miegħu jġib id-data tad-19.3.1801 fejn insibu li Martin Balzan, bin Ġammarì, kien miet ta' 19-il sena fil-5.2.1801 mal-Ingliżi fuq xtajta fil-Lvant (cum Anglis in Orientalem plagam). Dan seta' seħħ fil-ġlied li kien hemm fl-Eġittu bejn it-truppi Franċiżi u dawk Ingliżi bħala parti mill-gwerra tar-Rivoluzzjoni Franċiża. Il-battalja ta' Lixandra ġiet miġġielda fil-21.3.1801 bejn il-Franċiżi, taħt il-Ġeneral Menou, u l-Ingliżi taħt Sir Ralph Abercrombie, viċin il-fdalijiet ta' Nicopolis fuq biċċa art dejqa bejn il-baħar u l-Għadira Abukir. Meta l-Franċiżi, taħt Napuljun, telqu minn Malta lejn l-Eġittu, kien hemm Maltin li marru magħhom bħala suldati jew baħrin, l-istess kif imbagħad għamlu oħrajn






fis-Servizz tal-Ingliżi meta kienu tkeċċew il-Franċiżi; dawn il-Maltin ħadu sehem fil-ġlied li sar fl-Eġittu. Każ ieħor, iżda b'numru akbar ta' mwiet ta' Siġġiwin, huwa reġistrat bid-data tal-1.8.1801 fejn insibu xejn anqas minn tnax minn raħalna li ħallew ħajjithom f'dan il-pajjiż imbiegħed. Dawn mietu waqt spedizzjoni Ingliża f'bajja fil-Lvant fil-Fortizza ta' Lixandra fis-servizz tar-Re Brittaniku (Anglorum ex Orientali plaga ... in expeditione facta a S.M. Brittanica ... in Alexandria Castris). Dawn ukoll nassumi li mietu fil-ġlied li fl-aħħar wassal għall-assedju tal-Fortizza ta' Lixandra li sar bejn is-17 t'Awwissu u t-2 ta' Settembru 1801. Il-Franċiżi kienu ilhom jokkupaw din il-belt prinċipali fortifikata fuq ix-xmara Nil mit-2.7.1798 u s-suldati ta' ġo fiha ċedew fit-2.9.1801. Dawn it-tnax-il Siġġiewi li ħallew ħajjithom tant 'il bogħod minn arthom kienu: Ġużeppi Farrugia, iben ġisem il-missier nieqes u Anna; Mikiel Azzopardi, iben Nikola u l-mejta Maria; Stiefnu Zammit, iben Mattew u Antonia; Franġisku Pace, iben Nikola u ġisem l-omm nieqesħ; Anġlu Mallia, iben Franġisku u Apollonia; Lawrenz Farrugia, miżżewweġ lil Maria; Lawrenz Mifsud, iben Ġanbattista u Anna; Ġanni Vella, miżżewweġ lil Katarina; Ġużeppi Camilleri, iben Ġanni u Katarina; Ġużeppi Bugeja, miżżewweġ lil Matteola; Ġużeppi Mallia, iben il-mejjet Nikola u Maria; u Gejtanu Cachia, armel ta' Agata.

Diżgrazzja jew aħjar traġedja seħħet ġewwa l-Birgu fit-18.7.1806 meta fis-6.30 ta' filgħodu splodiet u ġġarrfet il-polverista bin-numru ta' mwiet ilaħħaq il-140. L-aħħar żewġ artillieri Ingliżi nstabu mejta mirdumin lejn l-aħħar ta' Settembru. Fost dawn il-mejta nsibu erba' suldati Siġġiwin li kienu: Martin Camilleri, iben Andrea, miżżewweġ lil Ġovanna, ta' xi 25 sena; Gabrijel Pace, iben Salvatore, ta' xi 22 sena; Ġammarì Zammit, iben Franġisku, miżżewweġ lil Margerita, ta' xi 25 sena; u Ġużeppi Bonanno, iben Filippu, ta' 20 sena. Il-Kappillan Corso, hu u jirreġistra dawn l-imwiet, kiteb li, għal xi raġuni mhux magħrufa (et ab omnibus ignoratur), xi ħadd aktarx xegħel xi nar fejn jinħażen il-porvli (accenso igne in loco nitratus, sulphureius pulvis repositus) fil-Belt Vittoriosa, jiġifieri l-Birgu (in Civitate Vittoriosa vulgo Burgo).

Minn tagħrif li ħadt minn kitba ta' Lorenzo Zahra ("L-Isplużjoni tal-Polverista") insibu li, fis-6.30 ta' filgħodu, erbatax-il Ingliż kienu qed iġorru l-porvli meta f'daqqa waħda splodiet il-Polverista (post fejn kien jinħażen il-porvli) u, b'ħoss tremend, ittajjar fis-sema sur ta' ġebel li mill-għoli niżel fuq l-inħawi. Din il-Polverista kienet tiġi faċċata tal-Maċina u kienet tal-istess għoli u kobor. X'ġara eżatt ħadd ma jaf għax kull min kien hemm dak il-ħin miet. Min qal li bumbardier daħal bil-pipa mixgħula, jew inkella li l-porvli tħakkek u sploda. Mietu 140 ruħ, fosthom 39 bandist tar-riġment li kien stabbilit fil-kwartieri tas-sur. Fl-ewwel jum kienu nstabu 40 ruħ li ġew midfuna fil-Knisja ta' San Lawrenz u 15 fil-Knisja tal-Lunzjata tal-Birgu. Fil-ġranet ta' wara oħrajn indifnu fil-Knisja ta' San Publiju fil-Furjana u oħrajn fiċ-ċimiterju tal-Blata l-Bajda (fejn illum hemm il-Kappella tal-MUSEUM). Aktar tagħrif jista' jinstab f'dan l-artiklu li semmejt u minn kitba oħra ta' dak iż-żmien li jagħmel riferenza għalihom is-Sur Zahra fl-artiklu tiegħu.

Bħala l-aħħar tagħrif dwar suldati, insemmi tliet każi oħra li ltqajt magħhom. Fit-22.4.1807 Ġużeppi Vassallo, iben Ġlormu, miżżewweġ lil Roża, ta' 36 sena, miet fil-kontrada magħrufa bħala 'Dar il-Bachar' (militibus albanensibus vaqis qui polveristae Fortis Ricasoli) fejn kien qiegħed iġorr xi munizzjon fil-Forti Rikażli li ħa n-nar u, kaġun ta' hekk, ġarrab ġrieħi gravi u eventwalment miet (ignem admoverunt, lethaliter vulneratus). Ġie midfun fil-knisja parrokkjali ta' San Nikola. Fl-20.6.1807 Anġlu Bartolo, bin il-mejjet Ġużeppi, u miżżewweġ lil Ursula, ta' 43 sena, suldat (miles) li miet wara xi xhur (post aliquos menses) fi sptar militari (in Militum Hospitalis delatum) wara li kien waqa' minn xi għoli fil-Belt Vittoriosa (cum preceps rueret, nascio quo casu).

*(ikompli f'paġna 42)*







*(jaqbad minn paġna 41)*

Jidher li, tul din l-aħħar sena, id-diżgrazzji laqtu sew suldati Siġġiwin għaliex fis-17.8.1807 Lawrenz Bonello, bin il-mejjet Ġanni, u miżżewweġ lil Tereża, ta' 50 sena, miet minħabba ferita kkaġunata fuqu minn suldat fir-Riġment Real Messina (lethali vulnere ex inflicto a quibusdam profugis militibus ex acie diecta vulgo Real Messina). Dan ukoll ġie midfun fis-Siġġiewi.

Biex nagħlaq dan it-tagħrif dwar suldati li mietu, nispiċċa b'nota dwar il-mewt li, għalkemm mhux ta' suldat, hija ta' mart wieħed suldat. Biex il-mewt tagħha hi reġistrata fl-arkivji tagħna, bilfors li hi jew żewġha kien mis-Siġġiewi. Fis-27.9.1823 insibu reġistrata l-mewt ta' Tereża, mart Mikiel Schembri, ta' 26 sena, li kienet tgħix ma' żewġha fil-limiti ta' San Pawl, magħruf bħala San Pawl il-Baħar. Hija ttieħdet l-isptar fil-Belt fejn mietet u ġiet midfuna u sfortunatament fl-istess data nsibu reġistrata l-mewt ta' binha ta' 22 xahar fl-istess sptar. Min jaf x'kienet ir-raġuni għal dan kollu?

## Ringrazzjamenti u għeluq

Bħalma nagħmel għal kull artiklu li kelli x-xorti nikteb sa issa, bl-akbar pjaċir nirringrazzja mill-ġdid lill-Imħallef Emeritu Giovanni Bonello għal kull għajnuna storika, għat-traduzzjonijiet u fuq kollox għall-inkoraġġiment li ma jiqafx jagħtini sabiex inkompli nħarbex xi ħaġa ta' kull sena. Nirringrazzja wkoll lil dawk kollha li jieqfu jkellmuni wara li jkunu qraw dawn l-artikli u jgħiduli kemm kienu ta' interess; għal dawn biss ukoll nagħmel kuraġġ li nibqa' nipprova nikteb xi ħaġa għal kull festa li tiġi sakemm Alla u San Nikola jieħdu ħsiebi u jżommuni f'saħħti. Dejjem jekk Alla jrid, niltaqgħu sena oħra b'iktar tagħrif ġdid mill-volumi li rreferejt għalihom fil-bidu ta' dan l-artiklu u li jinsabu fl-arkivji parrokkjali.

This year we will be celebrating the feast of St Nicholas between Sunday 23 and Sunday 30 June.

The main events will be:

**Sunday 23 at 6.30p.m.**
The statue of St Nicholas is taken out in procession inside the church. This is a very old tradition that the villagers still celebrate with great devotion towards their patron saint.

**Monday 24 – Friday 28 at 7.00p.m.**
Holy Mass is solemnly celebrated and ends with the singing of the motet of St Nicholas by the Cappella Bel Canto.

**Saturday 29**
At 6.30p.m. the translation of the relic of St Nicholas takes place in the village square, followed by Holy Mass at 8.00p.m. The two village bands hold a special concert on their respective artistic bandstands between 8.30p.m. and 11.00p.m. Do not miss the well-attended fireworks display which follows in the square.

**Sunday 30**
At 7.30p.m. the statue of St Nicholas is carried out in procession around the village square. Live music is played by two guest bands and colourful fireworks can be viewed from the square. The feast celebrations come to an end at 10.15p.m. when the statue of St Nicholas is returned inside the church.